MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 63/2002/1

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**IV’s Co. Ltd. (gia Santa Group Limited) bhala debitur principali u Ivan Cutajar bhala garanti solidali.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fit-22 ta’ Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi b’zewg kuntratti t-tnejn ppubblikati minn Nutar Robert John Muscat fl-erbatax (14) ta’ Awissu elf

disa' mija sebgha u disghin (1997) li kopji legali taghhom qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok "A" u Dok "B" rispettivament, il-Bank attur kien ikkonceda facilitajiet ta' self u "*overdraft"* lis-socjeta' konvenuta bit-termini u l-kondizzjonijiet hemm imsemmija;

2. Illi l-Bank attur jinsab kreditur tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' sebat elef erba' mija erbgha u sebghin Liri Maltin tmienja u tletin centezmi (LM7474.38) dovut in kwantu ghal hamest elef hames mija tnejn u tletin liri Maltin sitta u sittin centezmi, (LM5532.66) bilanc ghad-debitu fil-"*loan account"* li ghandha IV's Co. Ltd mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond *statement* hawn anness u mmarkat Dok "C", u in kwantu ghal elf disa' mija wiehed u erbghin Liri Maltin tnejn u sebghin centezmi (LM1941.72) bilanc ghad-debitu fic-"*cheque account"* li ghandha l-istess socjeta' ma' l-istess Bank, skond *statement* hawn anness u mmarkat Dok "D" bl-interessi kkalkolati sat-tmintax (18) ta' Dicembru, elfejn u wiehed (2001) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-dsatax (19) ta' Dicembru, elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettivi;

3. Illi bit-termini u l-kondizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt immarkat Dok "A" u in forza tieghu l-konvenut Ivan Cutajar iggarantixxa flimkien in solidum mas-socjeta` konvenuta u a favur il-Bank attur il-hlas lura tal-facilita` ta' self permezz ta' ipoteka generali fuq il-proprjeta' tieghu kollha prezenti u futuri oltre ipoteka specjali fuq proprjeta` immobbli fi Triq il-Qantar, Swieqi skond kif hemm ahjar deskritt sal-valur ta' sebat elef Liri Maltin (LM7,000) oltre l-imghax u l-ispejjez;

4. Illi ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija:

1. tikkundanna lil IV's Co. Ltd u Ivan Cutajar flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu s-somma

ta’ hamest elef hames mija tnejn u tletin Liri Maltin sitta u sittin centezmi (LM5532.66) bilanc ghad-debitu fil-“*loan account”* li ghandha IV’s Company Ltd mal-Lombard Bank Malta p.l.c., skond *statement* hawn anness u mmarkat Dok “C” bl-interessi kkalkolati sat-tmintax (18) ta’ Dicembru, elfejn u wiehed (2001) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-dsatax (19) ta’ Dicembru, elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta IV’s Co Ltd thallas is-somma ta’ elf disa’ mija wiehed u erbghin Liri Maltin tnejn u sebghin centezmi (LM1941.72) bilanc ghad-debitu fic-“*cheque account”* li ghandha l-istess socjeta` mal-Bank attur, skond *statement* hawn anness u mmarkat Dok “D” bl-interessi kkalkolati sat-tmintax (18) ta’ Dicembru, elfejn u wiehed (2001) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-dsatax (19) ta’ Dicembru elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-ewwel (1) ta’ Ottubru elfejn u wiehed (2001) u bl-imghaxijiet legali mid-dsatax (19) ta’ Dicembru elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta u l-konvenut li, flimkien mad-diretturi tas-socjeta` IV’s Co Ltd, huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Ivan Cutajar li in forza taghha eccepixxa:

1. Preliminarjament, is-socjeta` konvenuta IV’s Co Ltd mhix il-legittimu kontradittur u m’ghandha ebda relazzjoni guridika mal-bank attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Preliminarjament ukoll, is-socjeta` konvenuta IV’s Co Ltd mhix is-successur fit-titolu tas-socjeta` Santa Group Limited;

3. Preliminarjament ukoll, l-eccipjent huwa ragel mizzewweg u ghalhekk kellha tigi citata in kawza anke mart l-eccipjent;

4. Illi l-ammont reklamat mill-bank attur jizboq l-ammont realment dovut;

5. Illi t-talbiet attrici huma legalment inostenibbli stante illi fl-ammont minnu reklamat il-bank attur mhux biss qieghed jitlob il-bilanc dovut izda qieghed jikkomputa wkoll l-imghax fuq l-imsemmi bilanc u kwindi l-kawza illi fuqha hija msejsa t-talba attrici m'hijiex wahda gusta;

6. Illi l-bank attur naqas milli jipprezenta l-ittri ufficjali minnu msemmija fic-citazzjoni attrici.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2002, fejn sar qbil li n-Nota tal-Eccezzjonijiet pprezentata ghandha sservi ghaz-zewg konvenuti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta' zewg kuntratti li gew ppubblikati fl-14 ta' Awissu, 1997, min-Nutar Dottor Robert John Muscat. F'kuntratt wiehed, il-Bank ta *loan* ta' Lm7000 lill-kumpanija Santa Group Limited, b'Ivan Cutajar jidher ukoll bhala garanti in solidum mad-debitur principali. Fit-tieni kuntratt, l-istess Bank attur ikkonceda lill-kumpanija Santa Group Limited facilita` ta' *overdraft* sa massimu ta' Lm17,000; f'dan it-tieni kuntratt, ma jidhirx li

Ivan Cutajar dahal garanti ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet assenti mill-kumpanija. Din il-kawza qed issir sabiex il-kumpanija IV's Co Ltd u Ivan Cutajar jigu kkundannati jhallsu *in solidum* il-bilanc ta' Lm5532.66 fuq il-*loan account*, u sabiex il-kumpanijia IV's Co Ltd thallas il-bilanc ta' Lm1941.72 fuq l-*overdraft account*.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi li hi m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-bank attur. Ghalkemm hu minnu li l-kuntratti saru mas-socjeta` Santa Group Limited, jirrizulta li din il-kumpanija bidlet isimha ghal IV's Co. Ltd, u dan b'effett mit-3 ta' Frar, 1998. Din ic-*change of name* giet debitament registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji b'effett minn dik id-data. Inoltre, mill-kopja tal-*accounts* tas-socjeta` konvenuta ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru, 1997, il-kumpanija konvenuta hija deskritta bhala "IV's Co. Ltd. *formerly Santa Group Limited"*, u fl-istess *accounts* hemm *provision* ghal-*liability* li l-kumpanija ghandha mal-Bank minhabba l-*overdraft*. Jidher car li l-kumpanija llum maghrufa bl-isem ta' IV's Company Ltd. hija l-istess kumpanija li qabel kienet maghrufa bl-isem ta' Santa Group Limited, u kwindi s-socjeta` konvenuta hija, fil-fatt, legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici.

It-tieni eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda ghax mhux qed jigi allegat li l-kumpanija IV's Co. Ltd. hija s-successur fit-titolu tas-socjeta` Santa Group Limited, izda li dawn iz-zewg ismijiet, fil-fatt, jirreferu ghall-<u>istess</u> kumpanija. Hawn mhux kaz ta' kumpanija qed tidhol flok ohra, jew wahda amalgamat ma' ohra, izda ta' kumpanija wahda u l-istess li, fil-kors ta' l-esistenza taghha, biddlet isimha. Dan il-bdil ma jbiddilx il-personalita' guridika tal-kumpanija debitrici li baqghet l-istess kif kienet meta gew iffirmati z-zewg kuntratti fl-14 ta' Awissu, 1997. Kwindi l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

Fit-tielet eccezzjoni, jinghad li l-konvenut Ivan Cutajar huwa ragel mizzewweg u ghalhekk kellha tigi citata wkoll fil-kawza l-mara tieghu. Irrizulta, pero`, li l-konvenut izzewweg f'Gunju tal-1999, u allura meta assuma d-dejn personalment f'Awissu tal-1997, hu kien ghadu guvni, u d-

dejn, allura, hu wiehed parafernali ghalih. F'kaz ta' talba ghar-rifusjoni ta' dejn parafernali ta' persuna mizzewga, hu biss id-debitur li jehtieglu li jigi mharrek u l-konsorti mhux biss mhux mehtieg li tigi wkoll citata, izda teknikament m'ghandhiex tigi citata wkoll peress li la hi u lanqas il-komunjoni tal-akkwisti ma huma interessati direttament b'dak id-dejn. Id-dejn in kwistjoni, f'kaz li jirrizulta, huwa tas-socjeta` konvenuta u parafernali tal-konvenut Ivan Cutajar, u kwindi mart l-imsemmi konvenut ma kienx mehtieg li tigi citata f'din il-kawza.

Fis-sitt eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa li l-Bank attur naqas milli jipprezenta l-ittra ufficjali msemmija fic-citazzjoni. Fil-fatt, din kienet giet ipprezentata fl-1 ta' Ottubru, 2001 u giet esebita kopja legali tal-istess ittra, li giet notifikata lis-socjeta` IV's Co. Ltd. (gia Santa Group Limited) fis-6 ta' Ottubru, 2001, u lil Ivan Cutajar bhala garanti solidali fl-4 ta' Ottubru, 2001. Kwindi, anke din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenuti mhix gustifikata.

Ir-raba' u l-hames eccezzjoni, tista' tghid, li jirreferu ghall-istess haga, ghax bihom il-konvenuti qed jikkontestaw is-somma mitluba, principalment peress li l-Bank, fis-somma mitluba, qed jitlob imghax komposti. Fil-fatt, il-Bank irriserva li jaghmel dan il-kalkolu tal-imghax fuq is-*sanction letter* li baghat lill-konvenut li biha approvat is-self u l-facilita` li talab l-istess konvenut, izda l-konvenut ghalkemm dakinhar li ha l-flus, ma jidhirx li qajjem xi oggezzjoni dwar dan, qieghed issa jeccepixxi li dik il-prattika hija, f'kull kaz, wahda ngusta.

Illi ghar-rigward tal-eccezzjoni dwar l-imghax komposti, jirrizulta li l-Bank attur ikklakula l-imghax b'sistemza komposta, kif inhi l-pratika tal-banek lokali, u dan kemm fir-rigward tal-*overdraft account* u kemm ghal-*loan account*. Fil-fatt il-*manager* tal-bank tal-*branch* ta' Hal-Qormi ikkonfermta li "kif kienet il-prattika normali tal-bank, l-imghax fuq is-somma mislufa u moghtija lilu bhala *overdraft,* kien jigi ddebitat lill-konvenut kuljum, pero', kien jigi mizjud mal-kapital kull sitt xhur, f'Marzu u f'Settembru. Dan kemm fil-konfront tal-*overdraft* kif ukoll fir-rigward tal-*loan.*"

Fuq din il-kwistjoni, il-Qorti thossa li ghandha taghmel distinzjoni bejn il-kuntratt ta' *overdraft* u dak ta' self. L-artikolu li jiprojbixxi l-kalkolu ta' l-imghaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' somma determinata" *(*art. 1139 Kodici Civili). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' "*overdraft"*. Kuntratt ta' "*overdraft"* ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Warrington noe vs Sciberras" deciza fit-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita` lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.

Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhala kuntratt ta' *overdraft,* johrog ukoll mit-taghlim ta' l-awturi aktar kwotati bhala Messineo, Vidari u Torrente. Dan ta' l-ahhar fil-fatt, jghid li "*l'apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo)*". Dan l-istess awtur ikompli jispjega li "*il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l'apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono inceve, contratti consensuali: colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, i fornitori o i propri debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattasse. (Manuale di Diritto Privat, 9 Edizione; pagina 572).* Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Scicluna vs Zinelli" riportata fil-Vol. XXX.I.739, u l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sentenza "Piovano vs Fenech" riportata fil-Vol. XXVII.III.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta` ta'

"*overdraft",* li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna.

Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sistema adoperata mill-Bank li f'kaz ta' konti kurrenti (*overdrafts*), izidu l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata mill-Qorti taghna bhala valida u legali f'diversi sentenzi, fosthom, "Scicluna vs Tufigno noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-25 t'April 1940, "Busuttil vs Spiteri Debarro", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Jannar, 1979, "Mercieca noe vs Borg", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 t'Ottubru 1994, "Bank of Valletta Ltd vs Dalli" deciza minn din il-Qorti fit-28 t'Ottubru, 1999, u "Borg vs Borg et", deciza minn din il-Qorti fit-3 t'Ottubru, 2002. Ricentiment, dan il-principju kien konfermat b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru, 2002, moghtija fil-kawza "Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Co.Ltd.et", u b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2003, fil-kawza "Zammit vs Pulis".

Il-Giorgi jibbaza dan il-principju fuq l-"*usi e consuetudini*":

*"se poi ci si domanda , in che consistono siffatti usi e consuetudini, rispondiamo esser cosa da non dichiararsi in due parole. E' una ricerca che solo i trattatisti speciali di diritto commerciale possono convenientemente istituire. A noi basta il ricordare, come la piu' notevole di queste consuetudine concerne il conto corrente: dove e' lecito pattuire che gli interessi delle somme risultanti a debito, per dirlo con parola commerciale, di un correntista, siano capitalizzati a favore dell'altro correntista a brevi scadenze periodiche"* ("Obbligazioni" Vol II p.213).

Ir-raguni ghal dan it-trattament specjali jinghad li hi bbazata fuq il-principju ta' indivizibilita' li jikkaratterizza l-kont kurrent "*che si oppone a che il saldo posso considerare composto in parte di una somma rappresentanti gli interessi*" (ara sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXVII.1.826)

Din il-koncessjoni tibqa' topera pero', f'kaz li jibqa jopera l-*overdraft facility*, ghax meta l-kont kurrent jigi terminat, l-imghax irid jigi kalkolat bis-sistema normali stabbilit fil-Kodici Civili (ara "Busuttil vs Spiteri Debarro" gia kwotata, u "Azzopardi noe vs Falzon" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Lulju, 1994). Dan isehh ghax darba li l-facilita' tigi terminata, is-somma dovuta tigi determinata, u bhal obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta' somma determinata, ma jistax jintalghab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

Illi mhux l-istess jista' jinghad ghall-kaz ta' *loan account*, u dana peress li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li japplika ghal kaz ta' self, huwa, fil-fehma tal-Qorti, artikolu ta' ordni pubbliku u ma jistax jigi injorat bis-semplici skuza ta' prattika bankarja.

Il-projbizzjoni ta' l-imghaxijiet komposti tinsab cara fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili; ma hemm ebda ligi li tippermetti li ssir xi eccezzjoni ghall-din ir-regola, u allura kull prassi kontra dik ir-regola tista' ssib konfort biss fil-konsuetudini. Fuq il-kwistjoni jekk il-konsuetudini tistax jew le "tirrevoka" ligi espressa, hemm opinjonijiet differenti; insibu dan it-taghlim fin-Noti Universitarji tal-Prolegomena:

*"Technically a law can cease to be a law only when it is abrogated by another legislative instrument. It is true that when a custom possess all the necessary requisites, it is on the same level as written law and is fraught with equal authority; however, for a series of acts to be obeyed "opinione necessitatis", the series of acts should not be a series of unlawful acts, as otherwise one would have to admit the absurdity that a series of illegalities can produce law. It seems that a distinction should be drawn between imperative or prohibitive laws and laws of public order on the one hand, and laws which aim merely at declaring or supplementing of the presumed will of parties on the other hand. In regard to the former consuetudo abrogatoria cannot exist, while the possibility of its existence cannot*

*be excluded a priori in regard to the latter"*- Notes on Prolegomena by Professor J.M. Ganado (pagna 12)

Ma jista jkun hemm ebda dubju, li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili huwa regola ta' ordni pubbliku. Dan jirrizulta min-natura ta' din ir-regola infisha u, partikolarment, fid-dawl ta' l-artikolu 1850(3) u li jiddisponi li kull arrangament kuntrarju ghad-dispozizzjoni tal-ligi li tipprojbixxi li l-imghaxijiet jigu komposti fi zmien anqas minn sena, huwa null, u kwindi *il-consuetudo abrogatoria* ma tistax tigi accettata f'dan il-kaz.

Fil-fatt, il-legislatur patriu kien dejjem gelus li jirreprimi l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, ghal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jigifieri inesistenti billi illecita ghax proibita mill-ligi (ara fost ohrajn is-sentenzi riportati fil-Volum XXXII.I.263, XXXIX.I.366 u XLV.I.127). L-usura hi materia "*che appartenza all'ordine pubblico*" tant li, anki jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li ghalina hu usura, jekk tigi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni ghall-usura (Vol.XXX.II.288). Sahansitra fl-azzjoni kambjarja, fejn b'ligi espressa (art.197u 198 tal-Kodici tal-Kummerc) mhi permess ebda eccezzjoni kontra l-hlas ta' l-import li jidher fuq wicc il-kambjala, il-Qrati dejjem dahlu biex jindagaw, meta jigu hekk mitluba, jekk il-kambjala kienetx "imcappsa bl-usura" (Vol.XXXI.I. 507).

Kwindi, hi l-fehma ta' din il-Qorti li f'kaz ta' self mhux permissibbli ghal bank kummercjali li jikapitalizza l-imghax jekk mhux bil-mod li tistabilixxi l-ligi fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili. Jista' jkun li, b'dan il-metodu, f'certi cirkostanzi, l-ammont talvolta dovuta tista' tkun akbar mis-somma li tkun dovuta li kieku l-komputazzjoni ssir bil-procedura normali li jadottaw il-banek, pero', il-principju ghandu jkun li f'kaz ta' self, l-imghaxijiet ghandhom dejjem jinhadmu bis-sistema li timponi l-ligi fil-Kodici Civili. F'kaz ta' self, ma jista' jkun hemm ebda prattika li jista' jkollha n-natura ta' *consuetudo abrogatoria*, u kwindi l-kont ghandu jinhadem b'sistema normali u, kif trid il-ligi, bil-hlasijiet

akkont li jsiru jkunu addebitati, fl-ewwel lok, lill-imghax, u wara lill-kapital (artikolu 1169 tal-Kodici Civili).

F'dan il-kaz, isegwi allura li s-somma dovuta ta' l-*overdraft account*, hija gustifikata, ghax il-kont inhadem bis-sistema li ilha tigi adoperata mill-Banek Lokali u li giet accettata bhala prassi mill-Qrati taghna; peress li dik il-prattika ma tmurx kontra xi principji ta' ordni pubbliku tas-sistema legali Malti, dik il-prattika hija accettabli. Ghar-rigward tas-self, pero', din il-Qorti ma tikkondividix il-prattika bankarja dwar kif jinhadem il-kont u trid li dan jinhadem bis-sistema ta' imghax semplici kif irid il-Kodici Civili. Din il-Qorti, fil-fatt, fuq dan il-kont, insistiet mal-Bank attur li johrog *statement* indikanti s-somma bilancjali dovuti wara li l-kont jerga' jinhadem bis-sistema ta' interessi semplici; dan, fil-fatt, sar u mill-*istatement* esebit jirrizulta li l-ammont dovut fuq dan il-kont huwa ta' Lm 5,465.34 (mhux Lm5532.66 kif mitlub fic-citazzjoni).

Peress illi mill-provi jirrizulta li, fil-mori tal-kawza, sar pagament akkont ta' Lm100, din il-Qorti se tnaqqas din is-somma mill-*loan account* tal-konvenut, dan peress li dan il-kont ghandu l-kreditu l-aktar qawwi kontra taghhom. Jirrizulta wkoll li sar pagament iehor ta' Lm168.74 li gie akkreditat lill-*overdraft account* tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet permessi, il-Qorti tiddisponi minn din il-kawza billi, wara li qieset l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' in parte it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum bejniethom lill-Bank attur is-somma ta' hamest elef tlett mija u hamsa u sittin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM5,365.34), rapprezentanti l-bilanc ghad-debitu fil-*loan account*, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Bank attur is-somma ta' elf seba' mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (LM1772.98), rappprezentanti l-bilanc ghad-debitu fl-*overdraft account*, f'kull kaz, bl-imghaxijiet legali ta' 8% mid-19 ta' Dicembru, 2001, sal-gurnata tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, peress li d-differenza bejn is-somma mitluba u dik kanonizzata hi zghira, jibqghu li jithallsu kollha mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------